**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 9 ta' Marzu 2022**

Rikors Numru: 1/22 AL

A B

vs

C B

(MR Nurmu 1457/2002)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrent li permezz tiegħu ppremetta:

1. Illi huwa żżewweġ lill-intimata nhar it-tletin (30) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tnejn (2002) estratt taċ-ċertifikat taż-żwieġ anness u mmarkat bħala Dok. A;
2. Illi huwa ssepara legalment minn mal-intimata permezz ta' kuntratt bonarju ta' separazzjoni datat tlettax (13) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tmienja (2008) fl-atti tan-Nutar Dottor Nicolette Vella, emmendat nhar it-tnejn (2) ta' Mejju tas-sejn elfejn u dsatax

(2019), kopja tal-istess annessi u mmarkati rispettivament bħala Dok. B u C;

3. Illi l-konjugi B ilhom de facto separati mill-elfejn u tmienja (2008) u għalhekk ferm oltre it-terminu ta' sitt (6) xhur, rikjest mil-liġi;

4. Illi l-manteniment għal-bint il-minuri li twieldet f'dan iż-żwieġ, dejjem tħallas fil-pront;

5. Illi l-partijiet m'għandhom ebda pendenza ta' manteniment bejniethom stante skont il-kuntratt tas-separazzjoni huma ddekadew reċiprokament mid-dritt li jirċievu manteniment mingħand xulxin;

6. Illi l-partijiet ma hemmx lok li jerġgħu jirrikonċiljaw u llum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;

7. Illi l-mittenti jixtieq jottjeni d-divorzju jew ħall taż-żwieġ, u dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja d-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ;
2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Bl-ispejjeż.

Rat-ir-risposta tal-intimata li permezz taghha tiddikjara li hija m'hijiex qed topponi ghat-talbiet kif dedotti fir-rikors promotur ta' A B b'dan illi l-istess esponenti temmen umilment illi l-ispejjez tal-proceduri odjerni ghandhom jibqghu minghajr taxxa bejn il-partijiet;

Illi, inoltre l-esponenti titlob, a tenur tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 66 (L)(4) (b) tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta**), illi tirriverti ghal kunjom xbubitha "D"**.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tas-26 ta' Jannar 2022;

Rat ir-risposta tal-intimata;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi l-intimata qegħda titlob sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe` "D". Il-Qorti qegħda tilqa' din it-talba u tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku biex jieħu l-provvedimenti kollha f'dan ir-rigward;

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti rnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-13 ta' Gunju, 2008 liema kuntratt kien ġie emendat fit-2 ta' Mejju 2019 u ilhom de facto separati mill-elfejn u tmienja;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.